**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 22 ta’ Novembru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 257/2019 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 200/1992)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

*1. Illi l-esponenti ġie ammess għal benefiċċju tal-għajnuna legali skond l-*

[1] Fol. 1.

*inkartament (annessu mmarkat bħala Dok A);*

2. *Illi l-partijiet iżżewġu fit-3 ta' Marzu 1992, u minn din ir-relazzjoni twieldu żewġt itfal D E B li għandha sebgħa u għoxrin sena u F B li għandha sittax-il sena u għalhekk għadha minorenni (ċertifikat anness u mmarkat bħal Dok B);*

3. *Illi f'Ottubru 2018 l-intimata qabdet u telqet mid-dar matrimonjali u abbandunat lir-rikorrenti u lit-tifla minuri u marret tgħix ma' mara oħra;*

4. *Illi l-intimata għalhekk hija ħatja ta' tkissir taż-żwieġ;*

5. *Illi l-partijiet m'għandhomx assi bejniethom stante li d-dar matrimonjali u ċioe XXX,, Paola hija propjeta' parafernali tar-rikorrenti;*

6. *Illi kien hemm medjazzjoni bin-numru 1188/18 iżda l-intimata ma kinitx tattendi u għalhekk kellha tingħalaq għax l-partijiet ma setgħux jilħqu ftehim;*

7. *Illi l-esponenti ġie awtorizzat jipproċedi bil-kawża permess ta' digriet datat 23 ta' Settembru 2019 (hawn anness u mmarkat bħala Dok C);*

8. *Illi l-esponenti qiegħed ikollu diffikultajiet minħabba li meta ġie biex japplika għal MCAST għat-tifla minuri l-intimata ma riditx tikkollabora;*

9. *Illi għalkemm kien sar rikors konġunt sabiex jiġi stabbilit manteniment għal minuri, (Dok D) sal-llum l-intimata ma ħalset ebda manteniment u għalhekk kellhom jsiru rapport mal-pulizija (Dok E);*

*Għaldaqstant l-esponenti għar-raġunijiet fuq imsemmija, bir-rispett jitlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minħabba tort unikament u esklussivament imputabbli lill-intimata kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrent jgħix separatament minn ma' l-intimata;*

2. *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri fuq imsemmija esklussivament f'idejn ir-*

*rikorrenti;*

3. *Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jkopri ukoll l-ispejjes ta' saħħa u edukazzjoni liema ammont għandu jkun pagabbli mill-intimata lir-rikorrenti għal binthom minuri fuq imsemmija filwaqt illi tordna u tikkundanna lill-istess intimata sabiex tħallas ir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tipprovdi dwar kif għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;*

4. *Tordna lill-intimata tħallas l-arretrati ta' manteniment u dan mill-20 ta' Ottubru 2018 li hija d-data li l-intimata telqet mid-dar;*

5. *Ixxolji u tillikwida l-kommunita tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u taqsamhom f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali fid-dawl illi l-intimata hija unikament ħatja għas-separazzjoni personali;*

6. *Tagħti kull provvediment ieħor xieraq u opportun;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-proċeduri kollha quddiem il-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja u l-medjazzjoni kontra l-intimata li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata nhar l-20 ta' Jannar 2020,[2] iżda wara li għadda t-terminu ta' għoxrin (20) jum kif konċess lilha ai termini tal-liġi, il-konvenuta baqgħat ma ppreżentatx risposta ġuramentata u għaldaqstant fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2021 il-konvenuta ġiet iddikjarata li tinsab fi stat ta' kontumaċja;[3]

Rat id-digriet tat-23 ta' Settebru 2019, fejn il-Qorti għalqet il-medjazzjoni tal-partijiet u awtorizzat lill-partijiet biex jipproċedu b'kawża fit-termini kif imposti mil-liġi;[4]

---

[2] Fol. 26.
[3] Fol. 53a.
[4] Fol. 8.

Rat l-affidavit tal-attur;[5]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti tat il-fakolta' liż-żewġ partijiet sabiex jippreżentaw in-nota ta' sottomisjonijiet tagħhom,[7] liema fakolta' ma ġietx sfruttata mill-konvenuta;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[8]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħatja għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attur jitlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenuta ħatja għat-tifrik taż-żwieġ u tawtorizzah jgħix separatament minn martu;

2. Tordna l-kura u kustodja tal-minuri tkun esklussivament fdata f'idejn l-attur, filwaqt li tillikwida u tiffissa manteniment adegwat għall-istess minuri, liema manteniment għandu jitħallas mill-konvenuta u jiġi rivedut kull sena skont l-għoli tal-ħajja;

---

[5] Fol. 32.
[6] Maħtura għal tali fini fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020, a fol. 30.
[7] Fol. 238.
[8] *Ibid.*

3. Tordna lill-konvenuta sabiex tħallas arretrati ta' manteniment mill-20 ta' Ottubru 2018, ossija d-data meta telqet mid-dar matrimonjali;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti;

5. Taghti kull provvediment ieħor kif jidrilha xieraq u opportun.

Min-naħa l-oħra, l-konvenuta tinsab fi stat ta' kontumaċja u b'hekk fl-atti ma hemm l-ebda risposta ġuramentata. Barra minnhekk u nonostante li l-Qorti pprovdiet il-fakolta' lil konvenuta sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-Artikolu 158 subinċiż 10 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mill-atti jirriżulta li l-konvenuta ma sfruttatx tali fakolta'.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attur u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenuta:*

Fl-affidavit tiegħu,[9] l-attur iddikjara li żżewweġ lil konvenuta nhar it-3 ta' Marzu 1992, minn liema żwieġ twieldu żewġt itfal, ossija D B u F B. Iż-żwieġ kien wieħed tajjeb, fejn il-familja kienet magħquda, il-mara ma kienetx taħdem, miġbura d-dar u tmur tara lil ġenituri tagħha xi darbtejn fil-ġimgħa. L-attur jispjega illi mill-bidu taż-żwieġ huwa kien jagħmel ix-xiri u jsajjar, filwaqt li l-konvenuta kienet kultant issajjar, tnaddaf u taħsel il-ħwejjeġ. Konsegwetament u għal ħabta tal-2016, jingħad li l-konvenuta bdiet tgħid lil żewġha li kienet qiegħda tmur għand il-ġenituri tagħha u zijitha kuljum, fejn kienet titlaq mit-3.30 ta' wara nofsinhar u tagħmel sal-10 ta' filgħaxija, b'tal-linja jew inkella jwassalha kuġinuha. Maż-żmien ukoll, il-konvenuta bdiet ma ssajjarx, ma toħroġx lit-tfal, filwaqt li tqatta' l-ġurnata fuq il-*mobile*, it-*tablet* u l-pjattaforma soċjali *Facebook*. Il-konvenuta bdiet lanqas tiekol mill-ikel li jsajjar l-attur għaliex skontha kien jitfalha l-valenu fih, u dan minkejja li hu, it-tfal u n-neputijiet tiegħu dejjem kielu minnu. Minnflok, il-konvenuta kienet issajjar għaliha jew tiekol minn barra.

Għalhekk l-attur jikkontendi li huwa ra kambjament f'martu mill-2016, u dan fil-mod ta' kif timxi mal-kumplament tal-familja, l-aġir tagħha fejn bdiet taqla' argumenti għal kull ħaġa ta' xejn, u tkellem ħażin lilu u lil uliedhom. Magħdud ma' dan, l-attur jgħid ukoll illi maż-żmien, is-sitwazzjoni kompliet tiggrava, fejn saħansitra bdiet terfa' jdejha

[9] Fol. 32.

fuqu u t-tfal. Jagħmel referenza għal episodju fejn darba minnhom meta huwa laqgħat is-siġġu tal-konvenuta b'saqajh, hi qabdet sikkina u għamlitha ma' idejh fejn ħariġlu ftit demm. Jingħad li wara dan l-episodju l-konvenuta ċemplet lil Pulizija u allegat li kien hu li ħebb għaliha, iżda bintu D u bintha nnegaw dan kollu filwaqt li kkonfermaw li kienet proprju l-konvenuta li għamlet għall-attur bis-sikkina. Jiġi allegat li l-konvenuta kienet vjolenti maż-żewġ uliedha, u jsemmi episodju fejn darba l-konvenuta kienet se titfa' lil F taġen biż-zejt jaħraq, u lil D xkupa, bl-intenzjoni li tweġġagħhom. Magħdud ma' dan, l-attur iżid jgħid ukoll li huwa konsapevoli li l-konvenuta kienet għamlet xi żmien tmur l-għaqda bl-isem ta' Heaven, liema għaqda tgħin lil min ibati bl-ansjeta, u kienet ukoll tieħu xi pilloli u tattendi għand xi psikjatra bl-isem ta' Dr Mamo.

Maż-żmien, il-konvenuta bdiet tgħid lil żewġha u lil uliedha li trid titlaq mid-dar għax kienet iddejqet. Għalhekk bdiet tagħmel kull tip ta' vendikazzjonijiet, bħal tkisser affarijiet u għamara, taħli ilma u elettriku bl-addoċċ. Minkejja li bħala familja, huma ppruvaw ikelmuha sabiex is-sitwazzjoni titranġa, dan kien kollu ta' xejn għaliex il-konvenuta ddeċediet li titlaq mid-dar. Jingħad li marret tgħix ma' ħabibitha G H li kienet reġgħat għamlet kuntatt magħha wara ħafna żmien, għaliex kienet tafha sa minn qabel ma żżewġet lill-attur. Jingħad li l-konvenuta ħadet numru ta' mobbli mid-dar matrimonjali, sa anke deheb li kellhom matul il-ħajja miżżewġa. L-attur sar jaf li meta l-konvenuta telqet mid-dar, din qabdet il-vizzju tat-tipjip, bdiet taħdem bħala *cleaner* ma' kumpaniji li jfornu tali servizz u kif ukoll għal rasha.

Sabiex isaħħaħ il-verżjoni tiegħu, l-attur ressaq is-segwenti provi:

a. *Affidavit ta' F B, ossija bint il-partijiet, debitament maħluf nhar l-10 ta' Diċembru 2020 u ppreżentat nhar it-30 ta' Diċembru 2020*,[10] li tikkonferma l-verżjoni ta' missierha, filwaqt li tgħid li ommha telqet mid-dar matrimonjali nhar l-20 ta' Ottubru 2018;

b. *Rapport magħmul minn A B nhar id-19 ta' Awwissu 2019 kontra C B*, fejn irrapporta li martu naqset milli tissomministra l-mateniment ta' €100 għax-xahar ta' Lulju 2019 u dan skont id-digriet tat-2 ta' Luju 2019;[11]

c. *Rapport magħmul minn A B nhar is-16 ta' Settembru 2019 kontra C B*, fejn irrapporta li martu naqset milli tissomministra l-manteniment ta' €100 għax-xahar ta' Awwissu 2019 u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;[12]

[10] Fol. 49.
[11] Fol. 13.
[12] Fol. 15.

d. *Rapport magħmul minn A B nhar is-17 ta' Ottubru 2019 kontra C B*, fejn irrapporta li martu naqset milli tissomministra l-manteniment ta' €100 għax-xahar ta' Settembru 2019 u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;[13]

e. *Rapport magħmul minn A B nhar it-18 ta' Novembru 2019 kontra C B*, fejn irrapporta li martu naqset milli tissomministra l-manteniment ta' €100 għax-xahar ta' Ottubru 2019 u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;[14]

f. *Sensiela ta' ritratti tal-konvenuta*, fejn tinsab tiddeverti ma' ħbieb ġewwa *clubs*;[15]

g. *Ritratti ta' daqqiet u tbenġil fuq F B*;[16]

h. *Kopja vera tas-sentenza fl-ismijiet* ***Pulizija vs C B****, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Diċembru 2020*, fejn C B instabet ħatja li ma vversatx manteniment għax-xahar ta' Novembru 2019, u ġiet ikkundannata għal xahar detenzjoni effettiva;[17]

i. *Kopja vera ta' sentenza fl-ismijiet* ***Pulizija vs C B****, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Diċembru 2020*, fejn C B instabet ħatja li ma vversatx manteniment għax-xahar ta' Ottubru 2019, u ġiet ikkundannata għal xahar detenzjoni effettiva;[18]

j. *Kopja vera ta' sentenza fl-ismijiet* ***Pulizija vs C B****, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Diċembru 2020*, fejn C B instabet ħatja li ma vversatx manteniment għax-xahar ta' Settembru 2019, u ġiet ikkundannata għal xahar detenzjoni effettiva;[19]

k. *Kopja vera ta' sentenza fl-ismijiet* ***Pulizija vs C B****, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Diċembru 2020*, fejn C B instabet ħatja li ma vversatx manteniment għax-xahar ta' Lulju 2019, u ġiet ikkundannata għal xahar detenzjoni effettiva;[20]

l. *Kopja vera ta' sentenza fl-ismijiet* ***Pulizija vs C B****, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Diċembru 2020*, fejn C B instabet ħatja li ma vversatx manteniment għax-xahar ta' Awwissu 2019, u ġiet ikkundannata għal xahar detenzjoni effettiva;[21]

---

[13] Fol. 16.
[14] Fol.18.
[15] Fol. 35 – 37.
[16] Fol. 38.
[17] Fol. 39.
[18] Fol. 41.
[19] Fol. 43.
[20] Fol. 45.
[21] Fol. 47.

m. *Ix-xhieda ta' Bernard Zarb in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[22] fejn ippreżenta l-*employment history* tal-konvenuta, fejn jirriżulta li fil-mument tax-xhieda l-konvenuta kienet tinsab ingaġġjata mal-kumpanija Brightness JV bħala *cleaner* fuq bażi *full-time*;[23]

n. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[24] fejn ippreżenta dokument li juri dak kollu li l-konvenuta pperċepixxiet sa mill-2012, ċjoe': (i) mill-2012 sal-2018 kienet tipperċepixxi l-*Allowance* tat-Tfal, (ii) fl-2015 ipperċepixxiet minn *children's supplement*, (iii) fl-2018 ipperċepixxiet għajnuna soċjali, (iv) mill-2019 sal-2021 ipperċepixxiet minn *supplementary allowance*;

o. *Ix-xhieda ta' Sarah Agius in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[25] fejn ippreżentat 28 rapport magħmula kollha mill-attur kontra l-konvenuta:

  i. Rapport datat 29 ta' Awwissu 2018,[26] fejn ġie rapportat li l-konvenuta bdiet tgħajjar u thedded lil l-attur u binthom F B wara li l-attur qalilha sabiex tnaddaf il-ħmieġ li tħalli warajha;

  ii. Rapport datat 19 ta' Awwissu 2019,[27] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Lulju 2019, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

  iii. Rapport datat 16 ta' Settembru 2019,[28] fejn ġie rraportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Awwissu 2019, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

  iv. Rapport datat 17 ta' Ottubru 2019,[29] fejn ġie rrapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Settembru 2019, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

  v. Rapport datat 18 ta' Novembru 2019,[30] fejn ġie rapportat lli l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Ottubru 2019, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

[22] Fol. 64.
[23] Fol. 66.
[24] Fol. 64.
[25] Fol. 72.
[26] Fol. 75.
[27] Fol. 79.
[28] Fol. 82.
[29] Fol. 85.
[30] Fol. 88.

vi. Rapport datat 16 ta' Diċembru 2019,[31] fejn ġie rraportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Novembru 2019, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

vii. Rapport datat 16 ta' Jannar 2020,[32] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Diċembru 2019, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

viii. Rapport datat 18 ta' Frar 2020,[33] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Jannar 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

ix. Rapport datat 16 ta' Marzu 2020,[34] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Frar 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

x. Rapport datat 17 ta' April 2020,[35] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Marzu 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xi. Rapport datat 18 ta' Mejju 2020,[36] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' April 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xii. Rapport datat 17 ta' Ġunju 2020,[37] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Mejju 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xiii. Rapport datat 17 ta' Lulju 2020,[38] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Ġunju 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xiv. Rapport datat 17 ta' Awwissu 2020,[39] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Lulju 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

[31] Fol. 90.
[32] Fol. 93.
[33] Fol. 96.
[34] Fol. 102.
[35] Fol. 99.
[36] Fol. 105.
[37] Fol. 108.
[38] Fol. 111.
[39] Fol. 114.

xv. Rapport datat 17 ta' Settembru 2020,[40] fejn ġie rrapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Awwissu 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xvi. Rapport datat 19 ta' Ottubru 2020,[41] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Settembru 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xvii. Rapport datat 18 ta' Novembru 2020,[42] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Ottubru 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xviii. Rapport datat 17 ta' Diċembru 2020,[43] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Novembru u Diċembru 2020, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xix. Rapport datat 18 ta' Frar 2021,[44] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Jannar 2021, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xx. Rapport datat 17 ta' Marzu 2021,[45] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Frar 2021, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xxi. Rapport datat 19 ta' April 2021,[46] fejn rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Marzu 2021, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xxii. Rapport datat 18 ta' Mejju 2021,[47] fejn ġie rapportat li li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' April 2021, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xxiii. Rapport datat 19 ta' Ġunju 2021, fen ġie rapportat li li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Mejju 2021, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

[40] Fol. 118.
[41] Fol. 121.
[42] Fol. 125.
[43] Fol. 131.
[44] Fol. 134.
[45] Fol. 136.
[46] Fol. 149.
[47] Fol. 153.

xxiv. Rapport datat 19 ta' Lulju 2021,[48] fejn ġie rapportat li li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Ġunju 2021, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xxv. Rapport datat 18 ta' Awwissu 2021,[49] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Lulju 2021, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xxvi. Rapport datat 18 ta' Settembru 2021,[50] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Awwissu 2021, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

xxvii. Rapport datat 19 ta' Ottubru 2021,[51] fejn ġie rapportat li l-konvenuta naqset milli tissoministra l-manteniment għall-minuri F B għax-xahar ta' Settembru 2021, u dan skont id-digriet tat-2 ta' Lulju 2019;

p. *Ix-xhieda ta' Franklyn Calleja in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali*,[52] fejn ippreżenta ħames (5) dokumenti u ċjoe' sentenzi fil-konfront tal-konvenuta, senjatament is-sentenzi mogħtija mill-Ewwel Qorti stante li l-appelli kollha marru deżerti;[53]

*Il-Verżjoni tal-Konvenuta u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attur:*

Il-Qorti tara li l-konvenuta hija kontumaċi f'dawn il-proċeduri u għalhekk, il-Qorti hija sprovvista mill-verżjoni tagħha dwar il-fatti u l-mertu tal-każ odjern. Minkejja d-dritt li tiġi ppreżentata nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenuta naqset milli tippreżenta din in-nota ai termini tal-Artikolu 158 subinċiż 10 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

48 Fol. 158.
49 Fol. 139.
50 Fol. 142.
51 Fol. 145.
52 Fol. 72.
53 Fol. 201 – 210, ħames (5) sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Diċembru 2020 fl-ismijiet Pulizija vs. C B, fejn għal kull waħda l-konvenuta instabet ħatja u ġiet ikkundanata xahar detenzjoni effettiva f'kull waħda; Fol. 200 – lista tal-appelli deżerti;

a. *Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offiżi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[54] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[55] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[56] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba*

[54]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[55]Deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[56]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[57] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. A Tabone**,[58] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[59]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[60]

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:</u>*

Jidher li l-partijiet iżżewġu nhar it-3 ta' Marzu 1992, minn liema żwieġ għandhom żewġt itfal, ċjoe' D u F, aħwa B. Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali li wasslu għall-isfaxximent tal-istess, bir-riżultat li l-attur safa' sabiex beda l-proċeduri odjerni kontra l-kovenuta, fejn jisħaq illi ż-żwieġ sfaxxa minħabba t-tibdil fl-attitudni tal-konvenuta mal-famlja tagħha, tant li jiġi allegat li kienet ukoll vjolenti mal-attur stess u uliedhom, liema kwistjonijiet skont l-attur taw lok għal separazzjoni personali abbażi ta' dawk il-kriterji elenkati f'Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, hija tara li ma għandhiex tiddubita l-verżjoni tal-attur, u ċjoe illi ż-żwieġ tal-partijiet tfarrak minħabba tibdil fl-attitudni tal-konvenuta u dan għaliex l-interessi tagħha ma baqgħux fl-attur u l-familja li bniet miegħu. Il-Qorti tikkonferma dan ukoll wara li rat l-affidavit ta' F B u d-diversi ritratti eżebiti li juru li *ormai* l-kovenuta tidher li qed tgħix ħajja indipendenti u ta' xalar ma' ħbieb. Madanakollu u fir-rigward tal-allegata vjolenza fuq l-attur innifsu u uliedhom, il-Qorti tara li dan ma ġiex minimament ippruvat. Huwa minnu li fl-atti jinsab rapport magħmul mill-attur kontra martu fejn irrapporta tgħajjir u theddid, iżda tali rapport waħdu ma huwiex biżżejjed sabiex il-Qorti tasal għal konklużjoni illi ż-żwieġ tkisser minħabba vjolenza domestika pperpetrata mill-konvenuta.

[57]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[58]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[59]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[60]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

Għaldaqstant jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib lill-konvenuta ħatja ta' nġurji gravi.

## 3. Kura, Kustodja u Manteniment tal-Minuri:

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu żewġt itfal, ossija Jeanelle B u F B. Fil-mument li l-kawża odjerna nbdiet, Jeanele B kienet diġa' maġġorenni u indipendenti finanzjarjament, filwaqt li F B kienet għadha minorenni tant li l-attur fir-rikors promotur tiegħu ressaq talba sabiex il-Qorti tirregola l-kura, kustodja u manteniment tal-istess wild.

Mill-Att tat-Twelid ta' F B li jġib in-numru progressiv 4278 tas-sena 2002,[61] jirriżulta li twieldet nhar l-14 ta' Novembru 2002 u għalhekk fil-preżent għandha wieħed u għoxrin (21) sena. Għalhekk fil-mori tal-kawża bint il-partijiet saret maġġorenni u ma għadx fadal lok għal din il-Qorti li tiddeċiedi l-kwistjoni tal-kura u kustodja ta' bint il-partijiet stante li l-mertu tal-istess ġie eżawrit.

Fir-rigward ta' manteniment, il-Qorti tara li: (i) fl-affidavit tal-attur tat-30 ta' Diċembru 2020,[62] ġie ddikjarat illi għalkemm F B hija maġġorenni, hija tinsab tistudja fuq bażi *full-time* biex tilħaq għalliema u għadha tgħix ma' missierha, u (ii) fix-xhieda ta' Raymond Mangion in rappreżentanza tal-MCAST,[63] ġie ddikjarat illi F B bdiet kors ta' studju fl-2020 u ggradwat, u li konsegwentament bdiet kors ieħor li għadu għaddej, fejn in sostenn ta' dak dikjarat minnu, ix-xhud jippreżenta numru ta' dokumenti.[64] Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara li ġialadarba bint il-partijiet għadha tistudja fuq bażi *full-time*, ai termini tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, bint il-partijiet għad għandha d-dritt għal manteniment.

[61] Fol. 7.
[62] Fol. 32.
[63] Fol. 213.
[64] Fol. 216 – 221.

Mill-atti jirriżulta li l-manteniment *pendente lite* ġie regolat permezz ta' digriet datat 2 ta' Lulju 2019, fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors konġunt tal-partijiet datat 21 ta' Mejju 2019,[65] ordnat li l-konvenuta C B għandha tħallas f'manteniment għal bintha F B s-somma ta' €100 fix-xahar.[66] Jirriżulta u dan mix-xhieda ta' Alexia Bongailas in rappreżentanza ta' Brightness JV,[67] li l-konvenuta kienet tinsab ingaġġjata mal-imsemmija kumpanija għal perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 sal-10 ta' Lulju 2021, iżda ma kienetx tattendi għax-xogħol b'mod regolari minħabba problemi ta' saħħa mentali u finalment irreżenjat. Iddikjarat ukoll illi qabel il-konvenuta kienet taħdem ma' Specialists Group Cleaners fuq bażi *full-time* mill-1 ta' Ottubru 2019. In sostenn tax-xhieda tagħha, ix-xhud ippreżentat il-*payslips,*[68] *proof of payment,*[69] u *termination form.*[70]

Is-somma minima mogħtija mill-Qorti fil-preżent hija dik ta' €200 kull xahar jew erba' (4) ġimgħat. Barra minn hekk u flimkien mal-manteniment, il-Qorti tiddeċiedi ukoll dwar l-ispejjez reltati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-wild. F'każ li ma jiġix eżebit prospett tal-ispejjeż involuti u/jew meta l-introjtu ikun wieħed bażiku, din il-Qorti normalment tagħti s-somma ta' €75 fix-xahar jew erba' (4) ġimgħat. Fil-każ odjern, jidher li fil-passat il-konvenuta kienet tipperċepixxi introtju bażiku, iżda fil-preżent il-Qorti ma hijiex konsapevoli jekk l-istess konvenuta hux qiegħda taħdem *o meno*. Tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tinsab tal-fehma li s-somma ta' €275 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment hija ġusta. Għaldaqstant u fir-rigward ta' F B, f'każ li din għadha qiegħda tistudja fuq bażi *full-time* u qiegħda tirrisjedi ma' missierha jew stabbilixxiet residenza alternattiva għaliha nnifsha, b'applikazzjoni tal-Artikolu 3B subinċiż (2)(a) tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenuta għandha tħallas lill-attur jew lil bintha, skont fejn qiegħda tirrisjedi l-istess bint, is-somma ta' €275 bħala manteniment għal F B kull xahar, liema somma tinkludi sehemha mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, u dan sal-eta' massima ta' tleta u għoxrin (23) sena jew sakemm jintemmu l-istudji tagħha, skont liema waħda minnhom tavverra ruħha l-ewwel. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnu l-konvenuta, u għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Jekk il-bint

[65] Fol. 11.
[66] Fol. 10.
[67] Fol. 213.
[68] Fol. 222, għal Jannar 2021 b'introjtu nett ta' €908.20; Fol. 224, għal Frar 2021 b'introjtu nett ta' €846.76; Fol. 226, għal Marzu 2021 b'introjtu nett ta' €735; Fol. 228, għal April 2021 b'introjtu nett ta' €735; Fol. 230, għal Mejju 2021 b'introjtu nett ta' €850.10; Fol. 232, għal Ġunju 2021 b'introjtu nett ta' €735.
[69] Fol. 223, 225, 227, 229, 231, 233.
[70] Fol. 234

tagħżel li tmur tgħix għal rasha u tkun qed tistudja fuq bazi *full-time*, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

Fir-rigward ta' arretrati, il-Qorti tara li l-attur ressaq talba f'dan is-sens stante li skontu l-konvenuta qatt ma ħalset manteniment għal binthom minn mindu telqet mid-dar matrimonjali. Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur ressaq numru ta' rapporti magħmula minnu għand il-Pulizija kontra martu għan-nuqqas tagħha li tħallas manteniment skont id-digriet *pendente lite* surreferit, kif ukoll sentenzi ġudizzjali fejn il-konvenuta nstabet ħatja. Minn tali provi, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li t-talba tal-attur hija ġustifikata u b'hekk hemm lok illi l-Qorti tordna lil konvenuta sabiex tħallas arretrati. Magħdud ma' dan, u b'applikazzjoni tal-insenjament ta' din il-Qorti, iżda diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri**,[71] il-Qorti tgħaddi sabiex tordna illi l-attriċi sabiex tħallas lil konvenut is-somma ta' mitejn ewo (€200) kull xahar b'effett mill-1 ta' Novembru 2018 sal-31 ta' Diċembru 2019, filwaqt li b'effett mill-1 ta' Jannar 2020 'il quddiem, il-konvenuta għandha tallas is-somma ta' mitejn  u hamsa sebghin ewro (€275) kull xahar. Għalhekk sal-preżent, il-konvenuta għandha trodd lill-attur is-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u ħamsa u għoxrin ewro (€12,425).[72]

## 4. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar it-3 ta' Marzu 1992, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom*

[71] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Mejju 2015 (Rik. Nru. 24/2012 RGM), u l-prinċipju in kwistjoni ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 2016 (App. Nru. 24/2012/2).
[72] Minn Novembru 2018 sa Diċembru 2019 = 14-il pagament x €200 = €2,800; Minn Jannar 2020 sa Novembru 2022 = 35-il pagament x €275 = €9,625.

Fir-rigward ta' assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, mill-atti ma jirrżultax li hemm, għajr għal kont tal-bank f'isem il-konvenuta.[73] Għalhekk, il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba nġurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, attribwibbli unikament lil konvenuta, u dan filwaqt li tawtorizza lill-attur jgħix separatament minn martu;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li l-mertu tal-istess ġie eżawrit fil-mori tal-azzjoni;

3. Tilqa' it-tielet talba, u tordna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur jew lil bintha, skont fejn qiegħda tirrisjedi l-istess bint, is-somma ta' mitejn u ħamsa u sebgħin ewro (€275) bħala manteniment għal F B kull xahar, liema somma tinkludi sehemha mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni, u dan sal-eta' massima ta' tleta u għoxrin (23) sena jew sakemm jintemmu l-istudji tagħha, skont liema waħda minnhom tavverra ruħha l-ewwel. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi minnu l-konvenuta, u għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja. Jekk il-bint tagħżel li tmur tgħix għal rasha u tkun qed tistudja fuq bazi full-time, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tordna lill-konvenuta sabiex tħallas arretrati ta' manteniment fis-somma ta' mitejn ewro (€200) kull xahar b'effett mill-1 ta' Novembru 2018 sal-31 ta' Diċembru 2019, filwaqt li b'effett mill-1 ta' Jannar

[73] *Vide* x-xhieda ta' Joanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc (a fol. 72) u tgħid illi fuq isem il-konvenuta sabet kont bankarju wieħed tat-tip savings account bin-numru 40018601697 (a fol. 161).

2020 'il quddiem, il-konvenuta għandha tallas is-somma ta' mitejn u ħamsa u sebgħin ewro (€275) kull xahar, b'dana li l-konvenuta għandha trodd lill-attur is-somma komplessiva ta' tnax-il elf, erba' mija u ħamsa u għoxrin ewro (€12,425);

5. Tilqa' il-ħames talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tar-raba' (4) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti'*;

6. Tilqa' is-sitt talba u filwaqt li l-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 200/1992, hija konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawza għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenuta.